**1 ta' April, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Margherita Formosa et.

*versus.*

Gio Maria Abela et.

**Likwidazzjoni ta' Wirt — Diviżjoni — Kontijiet Reċiproċi.**

*Fl-azzjoni "familiae erciscundae" jidħlu mhux biss is-sustanzi attivi u passivi eżistenti fil-ġurnata tal-apertura tas-suċċessjoni, iżda anki l-akkwisti u l-ispejjeż li jkunu saru in pendenza tal-istess suċċessjoni, kif ukoll ir-riżultat tal-amministrazzjoni provviżorja li tkun saret, anki mill-istess konsorti, fil-kors tal-komunjoni ereditarja. Għaldaqstant il-likwidazzjoni tal-kontijiet reċiproċi bejn l-eredi hija waħda mill-operazzjonijiet relattivi għall-likwidazzjoni ġenerali tal-eredità.*

*U għalhekk, ukoll, dawk fost l-eredi li jkunu amministraw is-sustanzi ereditarji huma tenuti jirrendu kont tal-amministrazzjoni tagħhom fil-qasma li tkun miexja għall-likwidazzjoni u qasma tal-wirt.*

Il-Qorti:— Rat ir-relazzjoni tal-perit legali preżentata fit-30 ta' Novembru 1959, u minnu maħlufa fis-7 ta' Diċembru sussegwenti, fejn "inter alia", fil-paragrafu 15(H), fol. 149 u 150 huwa ssottometta illi fl-aħħar domanda taċ-ċitazzjoni l-atturi talbu r-reża tal-kontijiet minn min mill-kontendenti amministra xi beni komuni, liema domanda strettament ma tidħolx fl-inkarigu mogħti lill-perit legali, inkarigu ristrett għall-likwidazzjoni u diviżjoni tat-tliet assijiet indikati fiċ-ċitazzjoni; u illi huwa jidhirlu li dawn il-kontijiet jidħlu fil-kompitu l-ieħor tiegħu ta' sekwestratarju tal-istess assijiet ereditarji; u illi fil-fatt fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 1959, huwa ġie nkarigat mill-kontendenti li jipproċedi kontra l-imsemmija amministraturi, u l-lum mill-provi akkwiżiti għall-proċess irriżulta min mill-kontendenti b'xi mod jew ieħor amministra xi beni ereditarji, u dawn bonarjament, u anki ġudizzjarjament, ġew interpellati biex jirrendu r-relattivi kontijiet; u illi għal-

hekk il-perit jidhirlu illi r-riżultat tal-imsemmija kontijiet għandu jidħol fir-rendikont finali li għandu jirrendi huwa *bħala sekwestratarju ġudizzjarju*, u l-bilanċ finali jinqasam bejn il-kontendenti fl-istess proporzjonijiet ġa ndikati, stante li "fructus augent haereditatem"; liema sottomissjoni l-perit irreitera fil-paragrafu 29(D) a fol. 158;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat:**

Illi, kif tajjeb irrileva l-perit legali, il-frutti tal-beni ereditarji jidħlu wkoll fl-eredità in forza tal-prinċipju "fructus augent haereditatem";

Illi l-azzjoni proposta mill-atturi hija bla dubju dik li tissejjaħ "familiae erciscundae", u għalhekk fiha jidħlu mhux biss is-sustanzi attivi u passivi eżistenti fil-ġurnata tal-apertura tas-suċċessjoni, iżda anki l-akkwisti u l-ispejjeż li jkunu saru in dipendenza tal-istess suċċessjoni, kif ukoll ir-riżultat tal-amministrazzjoni provviżorja li tkun saret, anki mill-istess konsorti, fil-kors tal-komunjoni ereditarja (v. Pacifici Mazzoni. Successioni. VI, §§ 94 u 117; u Digesto Italiano, Successioni, Azioni Testamentarie, §27). Anzi, kif josserva Vitali a propożitu tal-likwidazzjoni tal-wirt, "l'operazione che dovrà le altre precedere è il rendiconto che ciascuno degli eredi deve all'altro, poichè è dalla determinazione del dare e dell'avere reciproci che si potrà integrare l'asse ereditario" (Successioni, VI, §619). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XVII-II-60: XXIX-I-1203; XXX-II-203), anki għar-rigward tal-likwidazzjoni tal-frutti u tar-rendikont reċiproku bejn il-kondividenti (v. digriet P.A. 17.2.1937 a fol. 177. in re "Carmela Said vs. Salvatore Said et.", definita mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 1947);

Illi, konsegwentement, il-likwidazzjoni tal-kontijiet reċiproċi bejn l-eredi hija waħda mill-operazzjonijiet relattivi għall-likwidazzjoni ġenerali tal-assijiet ereditarji in kwistjoni; u l-Qorti ma setgħetx ma tikkomprendijhiex fl-inkarigu mogħti lill-perit bid-digriet tan-nomina a fol. 18, molto

pjù illi r-rendikont "de quo" jifforma oġġett ta' domanda speċifika dedotta fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Illi fid-dibattitu orali l-atturi Giuseppe Cassar, Filomena Camilleri u Antonia Schembri, per mezz tad-difensur tagħhom Avukat Dr. Edoardo Magri, fil-waqt li ċaħdu li huma għandhom jagħtu kont tal-amministrazzjoni tas-sustanzi ereditarji, insistew biex dawk fost l-eredi li amministraw is-sustanzi jirrendu l-kont f'din il-kawża, u b'hekk ir-riżultat ta' dan il-kont jintegra l-assijiet in likwidazzjoni u jelimina l-pendenzi kollha bejn il-kondividenti;

Illi din is-sottomissjoni hi konformi għall-prinċipju fuq espost, kif ukoll għall-prinċipju l-ieħor li jeskludi diviżjoni parzjali mingħajr il-kunsens tal-interessati kollha, rikonoxxut anki mill-Qrati Tagħna (Kollez. VI, 771; XXV-I-379; XXIX-II-940);

Għal dawn il-motivi;

Tordna li, a spejjeż provviżorjament tal-atturi, il-proċess jiġi rinvijat lill-perit legali biex jillikwida l-kontijiet li jiffurmaw oġġett tar-raba' talba taċ-ċitazzjoni; u għal dan il-fini huwa jkollu l-istess fakoltajiet u l-obligi speċifikati fid-digriet tas-6 ta' Ġunju 1947 (fol. 18), u għandu jippreżenta r-rapport mhux iżjed tard mis-16 ta' Mejju 1960; għal liema ġurnata qegħdha tiġi differita l-kawża;

Spejjeż rizervati.